# Tletin Sena Banda

minn Matthew Debattista

Bl-għajnuna t'Alla din is-sena l-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni tagħlaq tletin sena mill-bidu tagħha. Kien fl-1978 illi s-Sur Anthony Borg wera x-xewqa li fil-parroċċa jkollna banda tal-lokal u għalhekk hu talab l-għajnuna ta' xi ħbieb li kienu midħla tal-baned sabiex flimkien iwettqu l-ħolma tiegħu.

Is-sena ta' wara hu kien avviċina lis-surmast Carmelo Schembri biex ikun hu l-ewwel Surmast Direttur ta' din il-banda. Għalkemm hu ma setax jaċċetta din il-kariga, hu wiegħed li kien se jgħin mill-aħjar li setà. Kien propju waqt il-festa ta' dik l-istess sena li Anthony Borg iltaqà mas-Surmast Alfons Maria Vella li kien inzerta qed idoqq mal-banda San Gejtanu u kien hawnhekk li hu aċċetta l-inkarigu li jsir l-ewwel surmast.




L-ewwel laqgħa saret nhar il-Ħamis, 22 t'Awwissu 1979, fejn kien inħatar kumitat eżekuttiv. Dawn kienu ltaqgħu fil-*Victoria United Football Club* fi Triq Barth. Fl-istess seduta kienu ġew deċiżi l-isem tas-soċjetàu l-lewn tal-istandard li kellu jkun abjad b'faxx tad-deheb fit-tarf u bis-simbolu tan-*Nome di Maria* fin-nofs. Sadanittant kienu bdew ukoll jiġu mgħallma l-ewwel allievi.

F'Awwissu tal-1979, delegazzjoni mill-kumitat għamlet żjara lil Kappillan Dun Manwel Agius, fejn iddiskutew is-sehem li kellu jkollha l-banda fil-festa. Il-banda twaqqfet uffiċjalment fid-29 t'Awwissu 1979 u fid-9 ta' Settembru l-kappillan tal-parroċċa sar l-ewwel president onorarju. Bħala Direttur Spiritwali kien ġie maħtur Dun :użepp Mifsud Bonniċi u s-suċċessur tiegħu kien l-istess Dun Manwel. Fit-23 ta' Novembru 1979, l-Avukat Farrugia Sacco nħatar bħala konsulent legali u wara xi żmien f'din il-kariga hu sar il-president tas-soċjetà.

Ftit xhur wara, il-kumitat kien kera garaxx fi Triq Kanonku Bonniċi, sabiex aktar tard huma reġgħu mxew għal Triq :użeʻ Pace, fejn illum hemm il-banka tal-lottu tal-każin. Minn hemmhekk saret ċaqlieqa ta' sentejn għal



Triq Villambrosa, sakemm inxtara post, ieħor din id-darba fi Triq il-Kappillan Mifsud. Ftit snin ilu l-post reġà mexa din id-darba f'post aktar ċentrali fi Pjazza Kappillan Mifsud.

Waqt il-laqgħa ġenerali annwali tal-1993, il-membri preżenti wrew ix-xewqa li l-kulur tal-għaqda kellu jinbidel minn isfar għal ikħal. Dan seħħ nhar l-10 ta' Mejju meta dakinhar l-kappillan bierek l-istandard u l-bandiera l-ġodda.



Mas-snin il-banda daqqet f'diversi lokalitaijiet fosthom waqt programm ta' mużika klassika fil-Teatru Manoel, fiż-żjara tal-Papa :wanni Pawlu II, matul il-logħob tan-pajjiżi ż-żgħar, fir-rebħ tal-kampjonat mill-Ħamrun Spartans u tant oħrajn.

Fl-1 t'Awwissu 2002 u fl-okkazjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-banda, sar it-trasferiment lejn il-każin il-ġdid. Il-każin infetaħ uffiċjalment nhar id-29 t'Awwissu mill-President Emeritus ta' Malta, il-Professur Guido de Marco. Inkixfet ukoll lapida kommemorattiva mill-kappillan, Dun Nazzareno Caruana.

Tajjeb ngħidu li f'dawn l-aħħar tliet snin mill-każin ħarġu tliet bandisti ġodda. Sadanittant fil-każin qed isiru diversi xogħlijiet strutturali u issa wasal iż-żmien li dan ikun lest minn kollox, fil-mument li qed jiġi iċċelebrat it-tletin sena anniversarju.

Nagħlaq billi nagħti l-festa t-tajba lill-parruċċani kollha speċjalment lil sħabi d-dilettanti tal-festa tagħna.

**VIVA L-FESTA TAGĦNA, VIVA L-IMMAKULATA KUN?IZZJONI.**